Ottubru 2019 — Ħarġa 327



# Holqa Bejnietna

## Parroċċa Sant’Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

## Mhux jien imma HU

Meta nħarsu lejn xi xbieha tal-Madonna normalment narawha b'Ġesù Bambin f'dirgħajha, f’ pożizzjoni li turi li qed tippreżentah. Mill-ħarsa ta’ wiċċ Marija tistħajjel li qed tisma’ leħinha u tgħid, “Mhux jien, imma Hu għażilni biex inkun il-qaddejja tiegħu.” Fl-Evanġelju skont San Ġwann, Marija tgħidilna; “Agħmlu dak li jgħidilkom hu”. (Ġw 2:6)

Aħna u nagħtu bidu għax-xahar ta’ Ottubru li huwa ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju, il-Knisja tistedinna biex nitolbu t-talba tar-Rużarju fil-familji tagħna. It-talba għal qalb il-Madonna għax tippreżentalna hi lil Ġesù bħalma ppreżentatu lir-rgħajja, lill-maġi u lil dawk li laqgħu bil-ferħ il-kelma ta’ Binha u tgħinna nirriflettu fuq il-misteri ta’ ħajtu. Aħna lkoll ninsabu f’baħar wieħed u frott l-umanità tagħna lkoll niġu ttentati li nkunu protagonisti jiġifieri li nkunu aħna fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Ilkoll nixtiequ li aħna u dak li għandna jkun aqwa u aħjar minn ta’ ħaddieħor. Imma jekk nerġgħu inħarsu lejn ix-xbieha tal-Madonna ninnotaw li b’idha l-oħra qisha qed tgħidilna, “Hu jrid ikun fiċ-ċentru ta’ ħajjitkom”. Alla jaħdem bil-kontra. Meta fittex Omm għal Ibnu għażel tfajla ċkejkna min-Nazaret, raħal imwarrab u maqtugħ għalih.” Meta Alla għażilha, Marija baqgħet umli u ċkejkna; “għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu”. (Lq 1:48)



Ġieli jiġrilna li nħossu li aħna mexxejja u rridu nikmandaw fil-familji tagħna, fis-soċjetà u anke fil-knisja ta’ Ġesù. Kważi kważi nieħdu għalina jekk ma jsirx kif irridu aħna. Imma l-figura ta’ Marija turina li hi qed tippreżentalna lil Ġesù bħala l-uniku mexxej tagħna u dmirna hu li nwassluh fl-ambjenti tagħna.

**Nhar il-Ġimgħa 4 ta’ Ottubru fis-7:00pm nistiednek biex niltaqgħu flimkien fuq iz-zuntier tal-knisja sabiex wara x-xbieha ta’ Marija nimxu fit-toroq tagħna u nitolbu t-talba tar-Rużarju. Fit-8:00pm niċċelebraw flimkien il-quddiesa fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna.**

Il-Mulej iberikna
Dun Roderick Camilleri

# Mixja Pellegrinaġġ ġewwa Santiago fi Spanja...

Temmejna l-pellegrinaġġ lejn Santiago wara 6 ijiem mixi minn Sarria. Din il-mixja hi waħda mill-eqdem pellegrinaġġi li jsiru kull sena u li twassal sal-Katidral ta' San Ġakbu l-Kbir f'Santiago fi Spanja. Kull sena jieħdu sehem mijiet ta' persuni ta' kull età minn kull naħa tad-dinja.

Nirringrazzjaw lill-Mulej li wassalna qawwijin u sħaħ u tal-esperjenzi li kellna matul it-triq, tal-ħafna pellegrini li ltqajna magħhom, u tant persuni u familji li tlabna ghalihom. Kellna grupp sabiħ ta' 34 persuna, minn 14-il sena sa 70 sena! Dawn huma uħud mill-esperjenzi.

In this pilgrimage, it has stopped me from the stressful and busy life to have the experience of serenity and beauty of the nature around us. The pilgrimage has taught me to be in peace with myself and to have time of prayer with God. The group was unique and beautiful as we got to know each other more and we helped each other as much as we can.



Rachel Galea

"Kemm hu sew li aħna hawn" (Mk 9,5) ... vers mill-Iskrittura li sawwar verament l- esperjenza tagħna f'dan il-vjaġġ. Il-Camino ġab miegħu kuraġġ ġdid u tama ġdida. Il-paċi, il-kwiet u l-mixi kontinwu ingħaqdu id f'id ma spiritwalità u ħbiberija sinċiera. Grazzi Mulej ta' din l-esperjenza ta' imħabba aħna u mexjin pass pass fit-triq li twassalna għal għandek.



Maria Bugeja

Il-Camino nqabblu mal-ħajja tagħna, il-Mixja ta' kuljum tirrapreżenta il-ħajja tagħna bit-tbatija u bil-ferħ tagħha u l-wasla fil-*hostels* kienet ir-Rigal. Hija esperjenza unika li biex tapprezzha trid tgħaddi minnha.



Joanne Bezzina

Esperjenza sabiħa ħafna li ħallietni b'sens ta' paċi u li għenitni naqta' ftit mir-rutina ta' Malta b'mod differenti u iktar speċjali minn ta' safar ieħor. Kien grupp tajjeb u varjat, haġa li nemmen li għenitna nitgħallmu minn xulxin.



Fabian Mercieca

Pellegrinaġġ indimentikabbli b'ħafna aspetti differenti, bi ħbiberija speċjali mal-grupp kollu. L-aktar li laqtitni hi li għalkemm il-mixja mhix faċli bħall-ħajja ta' kuljum, bil-fidi u bit-tama dejjem tasal fejn għandek tasal.



Denise Attard










Esperjenza veru sabiħa li għenitni nerġa nsib l-essenzjal fil-ħajja. Esperjenza li poġġietni f'kuntatt dirett mal-istorja tal-ħajja tiegħi u ma dik ta' nies oħrajn li ħafna minnhom ma kontx nafhom qabel.



Fr Robert Falzon

Forsi l-mixja, bħall-ħajja, tgħallimna li l-monotonija mhux bilfors issir medjokrità. Forsi b'lealtà u b'reżiljenza, ir-rutina monotona ta' kuljum (anke fid-dar, waqt ix-xogħol/l-iskola tista' ma tibqax ir-raġuni għall-ħela ta' ħin imma ssir ċans biex nagħmlu dak li għandna nagħmlu, bil-kwiet u bil-mod.



Jean Claude Attard



Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi. *Lq 1:47*



Esperjenza spiritwali ħafna, laqatni ħafna l-paċi u s-serenità kemm fl-ambjent kollu li mxejna fih kif ukoll tal-pellegrini. Ħadt gost li għalkemm il-grupp kien varjat ħafna, qbilna ħafna bejnietna, dħaqna flimkien, iddivertejna u fhimna lil xulxin anke fi problemi personali.



Isabelle Caruana



Il-Camino hi esperjenza sabiħa li fiha ssir taf lilek innifsek u lil Alla, permezz ta' pellegrini sħabek, tan-natura u tal-ambjent b'mod ġenerali. Hi mument li tieqaf mir-rutina ta' kuljum u tieqaf tisma'. Hi mixja li timxiha bl-enerġija fiżika tiegħek imma ma inti qatt waħdek



Ivan Sammut

Esperjenza unika! Magħqudin flimkien ta' kull età. L-ambjent kwiet tan-natura għeni nitlob u nirrifletti fuq ħajti. Apprezzajt bis-sħiħ is-sens tal-ħajja.



Margaret Bonnici

Matul dan il-pellegrinaġġ għaraft aktar il-barka t'Alla u rajt il-ħidma t'Alla fil-pellegrini ta' madwari. Konna grupp sabiħ ħafna fejn kulħadd ingħaqad u kulħadd jgħin kif jista'.



Julia Pace

Għall-pellegrin, il-Camino iservi biex tieqaf mill-ġirja tal-ħajja ta' kuljum u tgawdi l-ambjent waqt li tixtarr dak li fil-ħajja tkun għaddej minnu. Waqt il-Camino iġġor dak kollu li taħseb li hu essenzjali għalik, iżda tirrealizza li ħafna min dik it-tagħbija m'għandekx bżonnha u qed ixxeklek. Is-skiet, it-talb, il-ħbiberija u l-mixi iwassluk għad-destinazzjoni li jmiss. Esperjenza li ma tinsihiex. Grazzi.
*El Camino es la Meta*.



Michael Attard

Permezz ta' dan il-pellegrinaġġ, il-Mulej ipprovdieli ambjent fejn inħoss il preżenza Tiegħu u nkun nista' nitlob u nirrifletti, kif ukoll esperjenza sabiħa ta' kif jgħixu persuni ta' etajiet differenti flimkien.



Silvio Bonnici






# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Ottubru 2019

| | | |
|---|---|---|
| 1 | It-Tlieta | Jum l-Anzjani. **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq il-Friefet.** |
| 2 | L-Erbgħa | Fid-9:30am jibda l-Mother and Baby Club fis-Sala Sant'Anna.<br>Fil-5.00pm tibda d-Duttrina għat-tfal li ser jattendu għall-Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna. |
| 4 | Il-Ġimgħa | Jum il-Ħolqien u l-**Festa tal-MADONNA tar-RUŻARJU.**<br>**Fis-6:30pm Quddiesa l-Knisja Parrokkjali, fis-7:00pm Purċissjoni u fit-8:00pm Quddiesa fil-Villa Apap Bologna.** |
| 5 | Is-Sibt | Fis-6:00pm Seminar għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof fis-Sala Sant'Anna. |
| **6** | **Il-Ħadd** | **Is-27 Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.<br>Fl-4:00pm Seminar għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof fis-Sala Sant'Anna. |
| 10 | Il-Ħamis | Jum Dinji għas-Saħħa Mentali. |
| 11 | Il-Ġimgħa | **Fis-6:30pm Quddiesa u wara Seminar fis-Sala Sant'Anna għall-Operaturi Pastorali jiġifieri għall-persuni kollha involuti fil-parroċċa tagħna.** Jekk jogħġobkom idħlu fis-sagristija u ħudu karta ta' applikazzjoni. |
| **13** | **Il-Ħadd** | **It-28 Ħadd ta' Matul is-Sena**, Jum in-Nanniet u Jum it-Tagħlim Nisrani. |
| 14 | It-Tnejn | Fis-7:30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| 15 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq il-Ħortan.** |
| 17 | Il-Ħamis | Fil-5:00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali.<br>Fis-7:15pm laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Parrokkjali. |
| 18 | Il-Ġimgħa | Fis-7:00pm *Seminar* fis-Sala Sant'Anna għall-GĦARAJJES bi tħejjija mill-qrib għaż-Żwieġ għal dawk li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2019. |
| **20** | **Il-Ħadd** | **Id-29 Ħadd ta' Matul is-Sena** u Jum il-Ġurnata Missjunarja.<br>Fit-3:00pm *Afternoon tea* fis-Sala Sant'Anna sal-5:00pm. |
| 21 | It-Tnejn | Fis-7:15pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| 22 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq l-Iskall, Triq ix-Xibka u Triq il-Ħarruba.** |
| 24 | Il-Ħamis | Fid-9:30am *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. |
| 26 | Is-Sibt | **Fl-4:00pm issir iċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof.**<br>Dakinhar ma jkunx hawn quddiesa fil-5:15pm. Ikun hemm tas-6:30pm u tat-8:00pm. |
| **27** | **Il-Ħadd** | **It-30 Ħadd ta' Matul is-Sena** u Jum il-Bibbja.<br>**Fl-10:30am issir iċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof.**<br>Dakinhar ma jkunx hawn quddiesa fil-11:30am. Ikun hemm tal-11:00am bl-Ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna. |
| 28 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6:30pm. |
| 29 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq Salvu Buhagiar.** |
| 31 | L-Erbgħa | Flimkien mal-Appostli Franġiskani se niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin Kollha.<br>Fis-7:30pm nibdew b'quddiesa minn Fr Luke Cutajar fis-Sala Sant'Anna u wara *party* u logħob għat-tfal flimkien mal-familja tagħhom. **Inħeġġu lit-tfal jiġu libsin tal-Qaddis favorit tagħhom!** |